**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**vs**
**Bjorn Borg**

**Kumpilazzjoni 546/2019**

**Illum 16 ta' Ottubru 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Bjorn Borg** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 83283M billi huwa akkuzat:

1. Talli fis-7 t'Awwissu 2019 għall-habta ta' 23:15hrs, fi Triq il-Marina ta' Ta' Xbiex, ġewwa l-Gzira ikkometta serq ta' basket kontenenti xi oġġetti u flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Maria Sultana, liema

serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur u bil-ħin skont Art 261(a)(c)(f), 262(1)(a), 267, 270, 274(d), 277(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maria Sultana hekk skont kif iccertifika Dr. David Agius MD mill-Isptar Mater Dei skont Art 221 (3)(b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

3. Talli fit-8 t'Awwissu 2019 għal ħabta ta' 04:00Hrs , fi Triq ix-Xatt, ġewwa Tas-Sliema bil-ħsieb li jagħmel reat aggravat bil-vjolenza, bil-valur u bil-ħin għad-dannu ta' Veronika Selimovic u/jew Andrea Baldacchino u/jew persuni oħra wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta tieghu skont Art 41(1) (a) , Art 261(a)(c)(f), 262(1)(a), 267, 270, 274(d), 277(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Andrea Baldacchino hekk skont kif iccertifikat Dr. Gabriella Baldacchino MD mill-Isptar Mater Dei skont Art 221 (3)(b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Veronika Selimovic hekk skont kif

iccertifikat Dr. I. Kononenko MD mill-Isptar Mater Dei skont Art 221 (3)(b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

6. Talli fit-28 t'Awwissu 2019 għal ħabta ta' 01:00Hrs, ġewwa Triq Ghajn Tuffieħa, Mgarr ikkommetta serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni BCE502 ta' l-ghamla Toyota Belta għad-dannu ta' Robert Refalo liema serq huwa aggravat bil-mezz, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa skont Art 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

7. Talli bejn it-28 t'Awwissu 2019 u id-29 t'Awwissu 2019, f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek , jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ghamilt xi hsara fuq il-vettura BCE502 ghad-dannu ta' Robert Refalo skont Art 328 (d) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

8. Talli fit-8 t'Awwissu 2019 għal ħabta ta' 03:30hrs ġewwa Triq l-Abate Rigord ġewwa Ta' Xbiex ikkometta serq minn ġewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBN102 ta' l-għamla Toyota Belta għad-dannu ta' Lara-Maria Dimitrijevic u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skont Art 261(b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

9. Fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli u cioe għamlet ħsara fil-vettura Toyota Belta bin-numru ta' registrazzjoni IBN102, propjeta ta' Lara-Maria Dimitrijevic, liema ħsara hija ta' aktar minn 250 Euro u anqas minn 2,500 Euro Euros  għad-dannu tal-istess Lara-Maria Dimitirijevic u/jew persuni oħra skont Artikolu 325 (1) (b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Talli matul il-lejl ta' bejn is-7 u it-8 t'Awwissu 2019 ġewwa Triq il-Principessa Elizabetta ġewwa Ta' Xbiex bil-ħsieb li jagħmel reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa minn ġewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABE625 ta' l-għamla Suzuki Samurai  għad-dannu ta' Caroline Sammut u/jew persuni oħra skont Art 41, Art 261(b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

11. Talli fil lejl ta' bejn it-8 t'Awwissu 2019 u id-9 t'Awwissu 2019 ġewwa Triq l-Isqof Mauro Caruana ġewwa Floriana ikkometta serq minn ġewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBU845 ta' l-għamla Nissan Almera għad-dannu ta' Alistair John Higginson u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skont Art 261(b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

12. Fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli u cioe għamlet ħsara fil-vettura Nissan Almera bin-numru ta' registrazzjoni BBU845, propjeta ta' Alistair John Higginson u/jew persuni oħra, liema ħsara hija ta' aktar minn 250 Euro u anqas minn 2,500 Euro Euros għad-dannu tal-istess Alistair John Higginson u/jew persuni oħra skont Artikolu 325 (1) (b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. Talli matul il-jum tat-13 t'Awwissu 2019 ġewwa l-Park and Ride ġewwa Floriana ikkometta serq minn ġewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni LDB602 ta' l-għamla Suzuki Swift għad-dannu ta' Theresa Fiott u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skont Art 261(b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

14. Fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli u cioe għamlet ħsara fil-vettura Suzuki Swift bin-numru ta' registrazzjoni LDB602, propjeta ta' Theresa Fiott u/jew persuni oħra, liema ħsara hija ta' aktar minn 250 Euro u anqas minn 2,500 Euro Euros għad-dannu tal-istess Theresa Fiott u/jew persuni oħra skont Artikolu 325 (1) (b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

15. Talli fil-lejl ta' bejn it-16 t'Awwissu 2019 u is-17 t'Awwissu 2019 ġewwa Telgħet Gwardamangia ġewwa Pieta' ikkometta serq minn ġewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBS604 ta' l-għamla Ford Fiesta għad-dannu ta' Roxanne Palla u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skont Art 261(b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

16. Fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli u cioe għamlet ħsara fil-vettura Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni IBS604, propjeta ta' Roxanne Palla u/jew persuni oħra, liema ħsara hija ta' aktar minn 250 Euro u anqas minn 2,500 Euro Euros għad-dannu tal-istess Roxanne Palla u/jew persuni oħra skont Artikolu 325 (1) (b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

17. Talli fis-17 t'Awwissu 2019 bejn 02:00hrs u 09:30hrs ġewwa Triq Pietru D'Armenia ġewwa Pembroke ikkometta serq minn ġewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni JJJ150 ta' l-għamla Volkswagen Touran għad-dannu ta' Mark Schembri u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skont Art 261(b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

18. Fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli u cioe għamlet ħsara fil-vettura Volkswagen Touran bin-numru ta' registrazzjoni JJJ150, propjeta ta' Mark Schembri u/jew persuni oħra, liema ħsara hija ta' aktar minn 250 Euro u anqas minn 2,500 Euro Euros għad-dannu tal-istess Mark Schembri u/jew persuni oħra skont Artikolu 325 (1) (b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

19. Talli fil-lejl ta' bejn it-17 t'Awwissu 2019 u is-18 t'Awwissu 2019 ġewwa Triq l-Imsida ġewwa Gzira ikkometta serq minn ġewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni DCN128 ta' l-għamla Renault Trafic għad-dannu ta' Samual Thomas Bray u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skont Art 261(b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

20. Talli fil-lejl ta' bejn it-17 t'Awwissu 2019 u is-18 t'Awwissu 2019 ġewwa Manoel Island ġewwa Gzira ikkometta serq minn ġewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni AGD823 ta' l-għamla Seat Ibiza għad-dannu ta' Andrea Galea Demarco u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skont Art 261(b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

21. Fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli u cioe għamlet ħsara fil-vettura Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni AGD823, propjeta ta' Andrea Galea Demarco u/jew persuni oħra, liema ħsara hija ta' aktar minn 250 Euro u anqas minn 2,500 Euro Euros għad-dannu tal-istess Andrea Galea Demarco u/jew persuni oħra skont Artikolu 325 (1) (b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

22. Talli bejn is-17 t'Awwissu 2019 u 19 t'Awwissu 2019 ġewwa Triq it-Tamal ġewwa San Giljan ikkometta serq minn ġewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni MUS013 ta' l-għamla Suzuki Swift għad-dannu ta' Antonia Muscat u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skont Art 261(b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

23. Fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli u cioe għamlet ħsara fil-vettura Suzuki Swift bin-numru ta' registrazzjoni MUS013 , propjeta ta' Antonia Muscat u/jew Dennis Anthony Muscat u/jew persuni oħra, liema ħsara hija ta' aktar minn 250 Euro u anqas minn 2,500 Euro Euros għad-dannu tal-istess Antonia Muscat u/jew Dennis Anthony Muscat u/jew persuni oħra skont Artikolu 325 (1) (b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

24. Talli fit-22 t'Awwissu 2019 bejn 02:00Hrs u 06:00Hrs minn ġewwa Triq Spencer 'B' ġewwa l-Marsa ikkometta serq minn ġewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni LDD885 ta' l-għamla Mazda Demio għad-dannu ta' Fabio Ignazzitto u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skont Art 261(b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

25. Fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli u cioe għamlet ħsara fil-vettura Mazda Demio bin-numru ta' registrazzjoni LDD885 , propjeta ta' Giusi Brancato u/jew persuni oħra, liema ħsara hija ta' aktar minn 250 Euro u anqas minn 2,500 Euro Euros għad-dannu tal-istess Giusi Brancato u/jew persuni oħra skont Artikolu 325 (1) (b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

26. Talli fit-22 t'Awwissu 2019 għal ħabta ta' 06:00hrs mill-ATM tal-fergħa tal-Bank Of Valletta ġewwa l-Hamrun bil-ħsieb li jagħmel reat ta' serq aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), prova jiġbed mill-istess ATM l-ammont ta' 500 Euro fi flus kontanti ghad-dannu ta' Fabio Ignazzitto Art 41(1) (a) ,261(f), 270, tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

27. Talli fil-lejl ta' bejn it-24 t'Awwissu 2019 u it-25 t'Awwissu 2019 minn ġewwa Triq il-Għajn ġewwa Swieqi ikkometta serq minn

ġewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni JCA147 ta' l-għamla Opel Astra GTC għad-dannu ta' Nikolai Galea u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skont Art 261(b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

28. Fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli u cioe għamlet ħsara fil-vettura Opel Astra GTC bin-numru ta' registrazzjoni JCA147 , propjeta ta' Jason Galea u/jew persuni oħra, liema ħsara hija ta' aktar minn 250 Euro u anqas minn 2,500 Euro Euros għad-dannu tal-istess Jason Galea u/jew persuni oħra skont Artikolu 325 (1) (b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

29. Talli fil-25 t'Awwissu 2019 bejn 00:30Hrs u 02:00Hrs minn ġewwa Triq Tunis ġewwa Pembroke ikkometta serq minn ġewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBS981 ta' l-għamla Toyota Vitz għad-dannu ta' Paul Scicluna u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skont Art 261(b)(c)(f)(g), 263 (a), 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

30. Talli fil-25 t'Awwissu 2019 minn ġewwa Triq D'Argens ġewwa l-Gzira ikkometta serq minn ġewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBZ089 ta' l-għamla Mercedez Benz għad-dannu ta' Lorenzo Vanella u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin

Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skont Art 261(b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

31. Talli fil-lejl ta' bejn it-24 t'Awwissu 2019 u is-25 t'Awwissu 2019 minn ġewwa Triq it-Terz ġewwa Swieqi ikkometta serq minn ġewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni IXC060 ta' l-għamla Volvo XC60 għad-dannu ta' Scott Andrew Kerr u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skont Art 261(b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

32. Fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli u cioe għamlet ħsara fil-vettura Volvo XC60 bin-numru ta' registrazzjoni IXC060 , propjeta ta' Scott Andrew Kerr u/jew persuni oħra, liema ħsara hija ta' aktar minn 250 Euro u anqas minn 2,500 Euro Euros għad-dannu tal-istess Scott Andrew Kerr u/jew persuni oħra skont Artikolu 325 (1) (b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

33. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi wettaqt reat waqt l-perjodu operattiv ta' sentenza illi fiha gie illiberat bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien sentejn liema sentenza inghatat fil-23 ta' Mejju 2018 mill-Qorti tal-Magistrati( Malta) Magistrat Dr.

Audrey Demicoli LL.D. liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

34. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum 16 ta' Ottubru 2019 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-akkuza numru 2 tigi kompriza fl-ewwel wahda ghax hemm l-aggravju tal-vjolenza, l-istess ghall-akkuzi numru 4 u 5 jigu komprizi f'akkuza numru 3 ghax hemm l-aggravju tal-vjolenza, l-akkuza numru 7 hija mezz ghall-fini tal-akkuza numru 6, l-akkuza numru 9 hija mezz ghall-fini tal-akkuza numru 8, l-akkuza numru 12 hija mezz ghall-fini tal-akkuza numru 11, l-akkuza numru 14 hija mezz ghall-fini

tal-akkuza numru 13, l-akkuza numru 16 hija mezz ghall-fini tal-akkuza numru 15, l-akkuza numru 18 hija mezz ghall-fini tal-akkuza numru 17, l-akkuza numru 21 hija mezz ghall-fini tal-akkuza numru 20, l-akkuza numru 23 hija mezz ghall-fini tal-akkuza numru 22, l-akkuza numru 25 hija mezz ghall-fini tal-akkuza numru 24, l-akkuza numru 28 hija mezz ghall-fini tal-akkuza numru 27 u l-akkuza numru 32 hija mezz ghall-fini tal-akkuza numru 31.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Dr. Martha Mifsud li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet.*

*Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Il-Qorti tirreferi ghal dak dikjarat mill-***Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017***:

> *Sentencing can range from a relatively complex task to a relatively straightforward one. At its most difficult, it is a complex balance in which conflicting goals have to be addressed.*
>
> *Section 142[2] of the 2003 Act requires every court to have regard to five specified purposes—punishment, reduction of crime, reform and rehabilitation, protection of the public and the making of reparation to those affected by the offence.[3]*

Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** [4]:

> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. <u>Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion</u>."**

---

[2] Any court dealing with an offender in respect of his offence must have regard to the following purposes of sentencing—

- (a)the punishment of offenders,
- (b)the reduction of crime (including its reduction by deterrence),
- (c)the reform and rehabilitation of offenders,
- (d)the protection of the public, and
- (e)the making of reparation by offenders to persons affected by their offences.

[3] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017 pg. 1628: 22-1

[4] (1974) 60 Cr.App. R. 74.

Kwantu ghall-piena f'dan il-kaz, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi** moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fejn intqal li **"... bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija <u>b'effett immedjat</u>."** Dan il-principju gie ribadit mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Kollegjali) fis-sentenza taghha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Bonnici** moghtija fil-11 ta' Novembru 2004 fejn gie ritenut: **"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibghatu messagg car ...li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha il-piena ta' prigunerija b'effett immedjat."** U dan il-messagg irid johrog car. Mhux accettabbli li jkollna persuni li jghaddu mill-esperjenza li ghaddew minnha l-vittmi f'dan il-kaz, t-toroq taghna ghandhom ikunu hielsa minn kull periklu aktar u aktar minn vjolenza fuq persuni law abiding citizens li kull ma jkunu jridu hu li wara li jaghmlu dak li jkunu ppjanaw imorru lura d-dar qawwijiet u shah u mhux trawmatizzati.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti wara li rat artikoli 41(1) (a), 221 (3)(b), 261(a)(c)(f), 261(b)(c)(f)(g), 261(f), 262(1)(a), 263, 263 (a), 267, 270, 271(g), 274(d), 277(a), 325 (1) (b) , 328 (d), 383, 384, 385 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati u tikkundannah **<u>seba' snin u xahar prigunerija effettiva.</u>**

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**